MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 1344/2000/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Lawrence Manicolo u b'nota tat-8 ta' Novembru, 2000 u b'digriet tad-9 ta' Novembru, 2000 gew kjamati fil-kawza Paolo Cappelli u Anton Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fis-26 ta' Settembru, 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta' disa' mija u tmien liri Maltin u tmenin centezmi (Lm908.80c) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telephone bin-numru 317961 liema servizz gie stallat fil-fond Ristorant Bella Romagna, 3 Wied il-Ghomor, St Julians, u dana skond ma kif jidher mill-prospett Dok A.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz, bl-ispejjez tal-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Lawrence Manicolo fejn eccepixxa:

1. Illi in kwantu t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma diretti fil-konfront tal-eccipjent dawn ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-servizz tat-telephone mertu tal-kawza odjerna kien gie nstallat u qed jintuza minn Anton Bonnici u/jew Paolo Cappelli.

2. Illi ghalhekk jehtieg ghall-ahjar integrita’ tal-gudizzju li jigi wkoll kjamat fil-kawza l-imsemmi Anton Bonnici u Paolo Cappelli u in effetti kontestwalment l-esponent ipprezenta rikors appositu.

3. Illi fil-fatt l-esponent kien sempliciment impjegat fir-restaurant ‘Bella Romagna’ fil-perjodu msemmi.

4. Illi,minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Novembru 2000 fejn ordnat il-kjamat fil-kawza Anton Bonnici u Paolo Cappelli.

Rat il-verbal tas-16 ta’ Ottubru 2001 (fol 22) fejn Cappelli accetta l-avviz tas-smiegh tal-kawza izda baqa’ ma pprezentax eccezzjonijiet.

Rat illi l-proceduri ghan-notifika fil-konfront ta’ Anton Bonnici gew konkjuzi fl-4 ta’ Dicembru 2002 (fol 40).
Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza s-socjeta’ attrici qieghda titlob il-hlas ta’ disa’ mija u tminn liri u tmenin centezmu (Lm908.80) bhala servizz fuq in-numru tat-telephone 317961 li kien

stallat fil-fond *Restorante Bella Romagna* 3 Wied il-Ghomor, San Giljan. Il-konvenut qieghed jigi mfittex bhala firmatarju fuq il-ftehim maghmul ghar- retention tas-servizz liema ftehim jinsab esebit a fol 3 tal-process.

Fl-eccezzjonijiet tieghu pero' l-konvenut qieghed ighid li huwa semplici mpjegat u l-persuni li jiggestixxu r-restaurant kienu l-kjamati fil-kawza Anton Bonnici u Paolo Cappelli. Fil-fatt fix-xhieda tieghu a fol 44 ighid illi fil-1994 beda jahdem ma' Cappelli u dam hekk sa Awissu 1995. Fl-1 ta' Settembru 1995 ir-restaurant gie f'idejn Anton Bonnici. Dak iz-zmien il-linja kienet maqtugha, pero' Cappelli milli jidher hallas ghax il-linja nghatat lura u gie moghti xi dokumenti biex jiffirma. Meta gie nfaccat bid-dokument a fol 3 il-konvenut gharaf in-numru ta' l-identity card tieghu u ghal dak li jirrigwarda l-firma qal testwalment *"ghad illi mhijiex cara, nahseb illi hija tieghi."*

Minkejja illi ma tantx hemm xhieda f'din il-kawza, l-konvenut qed jibqa' jinsisti li jitfa' r-responsabbilta' kollha fuq Bonnici jew Cappelli, pero' mhuwiex qieghed jikkontesta l-ftehim minnu ffirmat a fol 3, ghalhekk il-Qorti trid tiehu dan id-dokument kif inhu, liema dokument il-konvenut ghazel li jiffirma u kiteb il-kelma *owner* hdejn il-firma tieghu. Ghalhekk la ma hax il-mizuri legali li taghtih il-ligi biex iwaqqa' dak id-dokument b'kawza *"ad hoc",* jekk jidhirlu hekk opportun, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li titfa fuq il-konvenut ir-responsabbiltajiet kollha naxxenti minn tali ftehim, liema responsabbiltajiet jinkludu l-hlas tas-servizz moghti tramite l-istess ftehim.

Barra minn hekk, kif xehed Noel Scerri a fol 42, mir-records tal-kumpanija ma rrizultax illi saru xi talbiet ta' trasferiment jew inkella bdil ta' sid. Ghalhekk jibqa' responsabbli l-konvenut fil-kwalita' tieghu kif iddikjarata fil-firma. Taht dawn ic-cirkostanzi jidhrilha illi s-socjeta' attrici lahqet dak il-grad ta' prova necessarja ghas-success ta' l-istanza taghha u filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut,

Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta' disa' mija u tmien liri Maltin u

tmenin centezmi (Lm908.80c) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telephone bin-numru 317961 liema servizz gie stallat fil-fond *Ristorante Bella Romagna*, 3 Wied il-Ghomor, St Julians.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-konvenut Lawrence Manicolo.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------